**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 - L-ERBGĦA 9 TA' DIĊEMBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fi1-17:30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti tas-seduta nru. 20 li saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2020.

2.2. Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem com* wara proposta mill-Kunsillier Deguara issekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.3. Arising minn para. 3.8 (Ġnien fi Triq l-Imħalla) tal-minuti preċedenti – Is-Sindku rringrazzjat lill-iscouts talli żebgħu l-bankijiet.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2. Fit-23 ta' Novembru is-Sindku kellha laqgħa *online* mal-każini tal-baned tal-lokalità il-banda Peace u l-banda Vittorja. Il-Kumitat tal-Festa kienu wkoll mistiedna għal din il-laqgħa però ma laqgħux din it-talba minħabba ir-raġuni, li huma kienu qed jistennew risposta mill-Kunsill għat-talbiet li kienu bgħatu u kienu għadhom bla risposta. Is-Sindku ddispjaċiha li ma laqgħux din l-

istedina tal-Kunsill minħabba li ma fehmux il-benifiċċju ta' din il-laqgħa sabiex jinżamm kuntatt regolari. Il-Każini tal-baned apprezzaw l-istedina tant li bgħatu jirringrazzjaw lis-Sindku tal-opportunità li setgħu jiddiskutu *issues* differenti. Ġie diskuss rigward l-għajnuna fil-midja soċjali, il-proċeduri dwar il-permessi eċċ. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillier Abela li kien preżenti għall-laqgħa mal-Każin banda Vittorja.

3.3. Is-Sindku nfurmat rigward il-laqgħa mal-Kumitat tal-Festa, fejn fil-laqgħa li għaddiet is-Sindku talbet li jiġi diskuss fil-laqgħa tal-ilmenti. Hi talbet li dawn il-punti jiġu diskussi fix-xahar ta' Marzu 'l quddiem.

3.4. Fil-25 ta' Novembru s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-kuntratt dwar l-iskema LC Care fejn ġiet imwegħda s-somma ta' €6,354.86 mill-*Animal Welfare* sabiex jiġi implementat il-proġett kif kien sottomess fl-applikazzjoni. Il-proġett kollu se jiswa €7,943.57 li jfisser li l-Kunsill irid joħroġ id-differenza ta' €1,588.71.

3.5. Fil-25 ta' Novembru s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa mal-Periti tal-Kunsill kif ukoll mal-Project Manager sabiex jiġi diskuss ix-xogħlijiet tal-Mitħna.

3.6. Fis-26 ta' Novembru s-Sindku infurmat li l-konvenju li kellu jsir dwar il-parti mill-*bufferzone* tal-mitħna kellu jitħassar minħabba li n-Nutar kienet indisposta.

3.7. Fit-30 ta' Novembru s-Sindku kellha laqgħa mas-sidien tal-parkeġġ ta' tradefair, li huma differenti mill-iżviluppaturi preċedenti. Huma nfurmaw li kienu kontra l-proġett kif kien sottomess lill-PA u għalhekk xtaqu jiddiskutu mal-Kunsill biex jaraw il-ħsibijiet tal-Kunsill. Is-Sindku infurmathom li l-Kunsill irid *open spaces* għar-residenti waqt li huma xorta insistew fuq sistema ta' bini aktar għoli biex japplikaw il-*Floor Area Ratio* però b'ħafna inqas faċilitajiet milli jrid l-iżvilluppatur preċedenti. Għal din il-laqgħa kienu preżenti il-Kunsillieri Brincat, Spiteri u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.8. Fl-1 ta' Diċembru s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa mar-Regional Enforcement Officer (REO) is-Sur Joseph Naudi mil-LESA. Is-Sur Naudi għadu kif ħa l-karriga l-ġdida ta' REO. Miegħu ġie diskuss il-problemi li l-Kunsill qed jiffaċċja. Hu wiegħed l-għajnuna kollha minkejja r-riżorsi limitati.

3.9. Fit-2 ta' Diċembru s-Sindku flimkien mas-SE kellhom laqgħa mal-Perit Dr Antoine Zammit dwar il-proġett Slow Streets. Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Kunsillieri Brincat, Spiteri u Gatt filwaqt li l-Kunsiller Cuomo ingħaqdet għal laqgħa b'mod virtwali. Is-Sindku nfurmat li għal din il-laqgħa l-Kunsillieri kollha kienu mistiedna.

3.10. Fit-3 ta' Diċembru s-Sindku flimkien mas-SE ffirmaw l-kuntratt mal-MAGF għall-fondi biex jibda l-proċess għar-restawr taż-żewġ statwi dawk ta' San Ġużepp u tal-Madonna li jinsabu fil-Pjazza Vittorja.

3.11. Fl-4 ta' Diċembru bdew id-diskussjonijiet *online* mal-Pubbliku fejn se jiġu diskussi temi kurrenti flimkien mal-esperti biex b'hekk ir-resident ikollu leħen fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Dawn id-diskussjonijiet se jkunu mezz edukattiv biex ir-resident ikun infurmat fuq *policies* u regoli eżistenti. Is-Sindku nfurmat li rċiviet ringrazzjament mingħand ir-residenti li ħadu sehem tal-opportunità li l-Kunsill tahom sabiex issemmgħu leħinhom. Is-Sindku rringrazzjat lis-SE li ħareġ b'din l-idea sabiex jibdew dawn id-diskussjonijiet u irriżulta li din

intlaqtet tajjeb minn kullħadd. Hi rringrazzjat lir-residenti li pparteċipaw f'din id-diskussjoni kif ukoll lill-Awtorità tal-Ippjanar.

3.12. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' koppja li dalwaqt se jiġu joqgħodu ġewwa n-Naxxar. Din il-koppja ppreżentaw preżentazzjoni biex fuq il-bypass tan-Naxxar jinżergħu siġar u aktar *landscaping*. Is-Sindku dawret madwar il-mejda il-preżentazzjoni. Hi ppropniet li din tidħol fl-ipjanar tas-sena d-dieħla fejn jibdew id-diskussjonijiet mal-IM sabiex jgħinu fiha minħabba li din tirrekjedi ħafna fondi.

3.13. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Periti ta' IM fejn qed isiru x-xogħlijiet minn IM.

3.13.1 Is-Sindku tkellmet mar-residenti ta' Triq il-Forġa ( fl-ewwel parti tat-triq) u ssuġerew li minflok ċint jsir xi tip ta' *railing.* Il-Perit informa lil Kunsill biex il-Kunsill jinfurmah x'jixtieq li jsir.

3.13.2 Dwar Triq il-Fortizza, din it-triq kważi lesta. Saret bankina sħiħa faċċata tar-residenti. Is-Sindku infurmat li kellha lmenti mir-residenti li n-naħa tagħhom il-bankina ma kinitx kontinwa u l-Perit informa lis-Sindku li huma komplew fuq il-bankini li kienu għamlu r-residenti stess.

3.13.3 Dwar Triq San Pawl is-Sindku infurmat li bħalissa qed isir il-*base course* u nhar il-Ġimgħa se jingħata l-wiċċ bit-tarmak.

3.13.4 Rigward Triq Leli Falzon il-periti nfurmaw lis-Sindku li meta Triq il-Forġa tkun lesta jibdew ix-xogħlijiet f'din it-triq minħabba li t-traffiku se jgħaddi minn Triq il-Forġa. Is-Sindku infurmat li fil-jiem li ġejjin se jiltaqgħu mal-Perit.

3.14 Is-Sindku infurmat lil Kunsillieri li rċiviet korrispondenza mill-AKL biex min ikun jixtieq jieħu sehem fl-Istrina jista' jagħmel dan billi jimla l-formola li qegħda annessa mal-imjel li intbgħatet mill-amministrazzjoni fid-9 ta' Diċembru.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2. Il-Kunsill approva (*nem com*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo. Dan jinkludu l-lista tal-pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nru. 8/21) kif ukoll ir-randikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'appendiċi A, B, Ċ u D rispettivament.

## 6. MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fis-7 ta' Diċembru 2020 (anness f'appendiċi E).

6.2. Il-Kunsill approva l-minuti (*nem com*) wara proposta mill-Kunsillier Gatt issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 7. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat Talbiet u Lmenti li saret fis-7 ta' Diċembru 2020 (anness f'appendiċi F).

7.2. Il-Kunsill approva l-minuti (*nem com*) wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 8. NUQQAS TA' ATTENDENZA MINN KUNSILLIER

8.1. Is-SE informa lill-Kunsillieri li l-Kunsillier Cuomo naqset li tattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fl-aħħar sitt xhur. Għal dan il-għan għandu l-obbligu li jinforma lill-Ministru. Madanakollu qabel ma jagħmel dan hemm l-obbligu tal-Kunsill li jiddiskuti u jiddeċiedi jekk ir-raġuni tan-nuqqas kinitx ġustifikabbli jew le.

8.2. Il-Kunsill dehrlu li r-raġuni tan-nuqqas ta' attendenza kienu minħabba kwistjoni ta' vulnerabilità dwar COVID-19 u għalhekk l-assenza hija ġustifikabbli u għandu jressaq it-talba lill-Ministru biex ma jiddikjarax il-post tal-Kunsillier Cuomo vakant.

## 9. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

9.1. Is-SE informa lil Kunsillieri li finanzjarament il-Kunsill ma jistax jonfoq iż-żejjed dan minħabba li l-proġett tal-Mitħna ġie jiswa ħafna flus.

9.2. Il-Kunsillieri xorta jistgħu jgħatu l-ideat tagħhom għas-sena 2022.

9.3. Is-SE informa li s-sena dieħla l-Kunsill xorta se jibqa' jaħdem fuq progetti għas-sena 2022.

## 10. RENDIKONT TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI

10.1. Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li għada ma rċivietx ir-rapporti ta' ħidma mingħand kulħadd.

10.2. Hi infurmathom sabiex jibgħatu r-rapporti mill-aktar fis.

## 11. IL-PROĠETT SLOW STREETS

11.1. Is-Sindku nfurmat li kellhom laqgħa mal-Perit Dr Antoine Żammit dwar dan il-proġett. Għal din il-laqgħa kulħadd kien mistieden li jattendi.

11.2. Is-SE spjega li b'dan il-proġett ikun qed jinkorroġixxu lin-nies jimxu aktar u kif ukoll li toroq iktar ikunu sikuri minħabba li jkun hemm nuqqas ta' vetturi.

11.3. Dan il-proġett jaħseb biex inaqqas it-traffiku għal dawk il-vetturi li ma jkollhomx għalfejn jgħaddu minn Naxxar. Mhux antiċipat li jitnaqqas il-parkeġġ.

11.4. Jistgħu jinħolqu miżuri temporanji fejn triq tiġi magħluqa għal ftit żmien sabiex din tkun bħala prova.

11.5. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' bħala Kumitat magħmul mill-Kunsillieri kollha sabiex jiddiskuti dan il-proġett aktar fid-dettal qabel ma jkun diskuss waqt laqgħa tal-Kunsill.

**12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-18:20

12.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021 fis-17:45

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |